

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0088/2009

23.2.2009

RAPPORT

dwar garanzija ta' kwalità għall-prodotti alimentari – Armonizzazzjoni u rikonoxximent reċiproku tal-istandards (2008/2220(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Maria Petre

Rapporteur (*): Magor Imre Csibi, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sigurtà tal-Ikel

(*): Kumitat Assoċjat – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	17
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	20
(*) Kumitat Assoċjat – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura	

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar garanzija ta' kwalità għall-prodotti alimentari – Armonizzazzjoni u rikonossiment reċiproku tal-istandards (2008/2220(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2008 dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli: l-istandards tal-prodotti, il-ħtiġijiet tal-biedja u l-iskemi dwar il-kwalità (COM(2008)0641),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 1998 dwar politika ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u agroalimentari¹,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, t'Ottubru 2008 dwar skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-prodotti tal-ikel,
 - wara li kkunsidra l-kontroll tas-saħħa tal-Politika Agrikola Komuni (PAK),
 - wara li kkunsidra l-mandat tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni dwar in-negozjati fil-qasam tal-agrikoltura, kif definit fil-proposta tal-Kummissjoni dwar id-dettalji li għandhom x'jaqsmu man-negozjati tad-WTO dwar l-agrikoltura (Dokument 625/02) ta' Jannar 2003,
 - wara li kkunsidra l-konferenza li organizzat il-Kummissjoni fil-5 u s-6 ta' Frar 2007 fi Brussell bit-tema "Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Kwalità tal-Ikel – Valur Miżjud għall-Prodotti tal-Biedja",
 - wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (COM(2008)0040),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sigurtà tal-Ikel (A6-0088/2009),
- A. billi l-istandards tal-Unjoni Ewropea dwar is-sikurezza u l-kwalità tal-ikel huma l-iktar stretti fid-dinja,
- B. billi dawn l-istandards huma reazzjoni għat-talba tal-konsumaturi Ewropej u huma mod ta' twettiq ta' valur miżjud importanti,
- C. billi l-konsumaturi qed juru interess kbir mhux biss għas-sikurezza tal-ikel, iżda wkoll għall-orijini u l-metodi ta' produzzjoni ta' prodotti tal-ikel; billi l-Unjoni Ewropea diġà

¹ *ĠU C 328, 26.10.1998, p. 232.*

rreaġixxiet għal dawn it-tendenzi billi introduċiet erba' tikketti ta' kwalità u tal-oriġini tal-prodotti tal-ikel, jiġifieri d-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DOP), l-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), speċjalità tradizzjonali garantita (GTS), u l-biedja organika,

- D. billi l-prodotti Ewropej ta' kwalità jikkostitwixxu wirt kulturali u gastronomiku "ħaj" għall-Unjoni, u huma element importanti fil-ħajja ekonomika u soċjali ta' bosta reġjuni Ewropej peress li jiggarrantixxu t-tkomplija ta' attivitajiet direttament marbutin mar-realtajiet lokali, l-aktar fiż-żoni rurali,
- E. billi l-konsumatur jassoċja s-sistemi ta' ċertifikazzjoni ma' garanzija ta' kwalità ogħla,
- F. billi s-sistemi speċifiċi ta' kwalità tal-UE joffru vantaġġ kompetittiv speċifiku għall-prodotti Komunitarji,
- G. billi d-distributori l-kbar issa qed jiddominaw is-suq Ewropew tal-prodotti tal-ikel u qed jimponu tariffi ta' riferenza, tariffi biex wieħed jidħol fis-suq kummerċjali kif ukoll kontribuzzjonijiet kunsiderevoli u mhux ġustifikati għall-ispejjeż għall-promozzjoni, elementi li huma biżżejjed biex jitnaqqsu ċ-ċansijiet ta' produttori żgħar li jilħqu l-pubbliku ġenerali,
- H. billi huwa possibbli li jkunu użati teknoloġiji ġodda biex tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-oriġini u l-karatteristiċi ta' prodotti tal-biedja u tal-ikel,
- I. billi l-iffalsifikar huwa ta' ħsara kemm għall-produttori kif ukoll għall-konsumaturi aħħarin,
 - 1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proċess ta' riflessjoni mniedi mill-Kummissjoni fil-Green Paper u jappoġġja l-idea tal-promozzjoni tal-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej mingħajr ma jkunu imposti la spejjeż u lanqas piżijiet żejda fuq il-produttori;
 - 2. Jemmen li wieħed mill-għanijiet ewlenin Ewropej ta' interess pubbliku għandu jkun li jkunu żgurati l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta għal prodotti strateġiċi bħall-prodotti tal-biedja u tal-ikel; iqis importanti ħafna li jkun hemm kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta għall-prodotti impurtati, li għandhom tendenza li ma jissodisfawx l-istess standards li jirregolaw il-prodotti Komunitarji; jemmen li l-istandards ta' kwalità Ewropej applikabbli għall-prodotti minn pajjiżi terzi li għandhom aċċess għas-suq intern għandhom ukoll ikunu stipulati abbażi ta' ftehim fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO);
 - 3. Iqis li huwa meħtieġ li jiżdiedu l-kontroll u l-koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet biex ikun żgurat li l-prodotti tal-ikel impurtati jkunu konformi mal-istandards Ewropej dwar l-ambjent, is-sikurezza tal-ikel u l-benesseri tal-annimali; jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Agrikoltura tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar is-sikurezza tal-prodotti agroalimentari impurtati u dwar il-konformità mal-istandards Komunitarji, madankollu, f'dawn il-konklużjonijiet jinnota nuqqas ta' rieda politika soda biex jissaħħu l-kontrolli Komunitarji fil-pajjiżi terzi;
 - 4. Jenfasizza li l-politika relatata mal-kwalità ma tistax titqies b'mod separat mill-kwistjoni tal-ġejjieni tal-PAK u lanqas mill-isfidi bħall-bidla fil-klima, il-ħtieġa tal-ħarsien tal-

bijodiversità, il-provvista tal-enerġija u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma;

5. Jemmen li fil-kuntest tal-prezz ġeneralment għoli tal-materja prima, l-inċentivi biex tiżdied il-produzzjoni ma għandhomx iservu ta' skuża biex jonqsu l-istandards;
6. Jafferma mill-ġdid li l-oġettiv ta' livell oġhla ta' sikurezza tal-ikel, standards oġhla ta' benesseri tal-annimali u tal-ħarsien tal-ambjent għandu jkun li jintlaħaq livell oġhli ta' kwalità għall-prodotti li jagħtu vantaġġ kompettiv konsiderevoli lill-produtturi agrikoli, u li l-produtturi agrikoli għandhom ikunu jistgħu jaqilgħu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż li jinvolvu r-rekwiżiti tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel, dwar il-benesseri tal-annimali u l-ħarsien tal-ambjent; huwa tal-opinjoni li, jekk il-vantaġġ kompetittiv mogħti lill-produtturi agrikoli ma jkunx biżżejjed biex ikopru dawn l-ispejjeż, il-fondi tal-PAK f'dan ir-rigward għandu jkollhom rwol importanti li l-bdiewa Ewropej għandhom jużaw biex jiggarantixxu s-sikurezza, il-benesseri tal-annimali u l-ħarsien tal-ambjent fil-biedja;
7. Iqis li l-politika tal-UE fil-qasam tal-kwalità għandha tkun marbuta mill-qrib mar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013; huwa tal-fehma li l-irwol tal-UE f'din il-politika għandu jkun wieħed ta' appoġġ (inkluż għajjnuna finanzjarja) bil-għan li tinkiseb produzzjoni tal-biedja u tal-ikel ta' kwalità għolja fl-Ewropa; jenfasizza li għandha tingħata aktar għajjnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-aktar sabiex il-produttur iż-żgħir ma jkunx żvantaġġjat;
8. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Unjoni Ewropea, bl-iffirmar tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura, intrabtet li timplimenta miżuri għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi; Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex twaqqaf programmi speċifiċi ta' promozzjoni tal-bejgħ li jħeġġu l-użu ta' varjetajiet ta' pjanti li huma mhedda mill-erożjoni ġenetika; jenfasizza li dan huwa maħsub sabiex ikun aktar attraenti għall-bdiewa u l-ġardinara li jkabbru varjetajiet li jinsabu elenkati bħala riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, u li għandhom jitwaqqfu programmi ta' promozzjoni tal-bejgħ simili għal razez ta' annimali tal-irzizet li qegħdin fil-periklu tal-estinzjoni;
9. Ifakkar li l-proċess kontinwu tal-liberalizzazzjoni tas-swieq agrikoli dinjin qed iwassal biex il-produtturi Ewropej ikunu esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali diretta, u li kull miżura supplimentari li huma jridu jikkonformaw magħha tista' ma tagħmilx ġid lill-kompetizzjoni iżda tista' wkoll tkun ta' vantaġġ għall-bdiewa tal-UE jekk huma jkunu effettivament kapaċi jiddistingwu l-prodotti tagħhom fis-suq u jiksbu lura vantaġġi; ifakkar ukoll li l-bdiewa tal-UE jistgħu jdawru d-domanda tal-konsumatur favur tagħhom billi jipprovdu lill-konsumaturi bi prodotti ta' kwalità li jipproduċu lokalment, standards oġhla ta' benesseri tal-annimali u tal-ambjent, fost affarijiet oħra;
10. Jenfasizza li, fin-negozjati fid-WTO, il-Kummissjoni għandha taħdem biex tilħaq ftehim dwar il-‘kwistjonijiet mhux kummerċjali’ li jiggarantixxi li l-akbar ammont possibbli ta' prodotti impurtati jkunu jissodisfaw l-istess rekwiżiti imposti fuq il-bdiewa Ewropej, sabiex il-kwalità tal-prodotti agrikoli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel, il-benesseri tal-annimali u l-ħarsien tal-ambjent, tipprovdi vantaġġ kompetittiv ċar għall-produtturi tal-biedja;
11. Jinsab imħasseb dwar l-influenza tal-katini kbar tal-ħwienet fuq il-livell ġenerali tal-kwalità tal-prodotti tal-ikel Ewropej; kif ukoll dwar il-fatt li s-swieq karatterizzati minn

distribuzzjoni kkonċentrata ħafna, għandhom it-tendenza li jkollhom uniformità u inqas varjetà ta' prodotti tal-biedja u tal-ikel, li twassal għal anqas disponibilità ta' prodotti tradizzjonali u għal aktar enfasi fuq il-prodotti pproċessati; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirregola l-prattiki ta' 'reverse tendering' imposti minn numru żgħir ta' xerrejja kbar Ewropej minħabba l-konsegwenzi diżastrużi għall-prodotti ta' kwalità;

Il-ħtiġijiet li jirrigwardaw l-istandards tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni

12. Jinsab imħasseb dwar il-kumplessità tas-sistema Ewropea ta' standards bażiċi u dwar in-numru kbir ta' regoli li jridu jikkonformaw magħhom il-bdiewa fl-UE; huwa favur sistema simplifikata u jappella sabiex kull regola ġdida tkun evalwata skont il-kriterji tal-adeqwatezza, tan-neċessità u tal-proporzjonalità;
13. Jappella biex ikun hemm simplifikazzjoni ulterjuri tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni billi jiġu ċċarati l-kriterji ewlenin li għandhom jiġu applikati; jappella għall-iżvilupp ta' linji gwida tal-UE dwar l-użu ta' termini riservati ġenerali, bħalma huma "baxx fiz-zokkor", "baxx fil-karbonju", "tad-dieta" u "naturali", bl-iskop li jiġu evitati Prattiki li jiżvijjaw;
14. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-parti l-kbira tal-konsumaturi Ewropej mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-katina tal-ikel, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-oriġini tal-prodotti u tal-materja prima; huwa favur l-indikazzjoni obbligatorja tal-post tal-produzzjoni tal-prodotti primarji bbażata fuq it-tikketta tal-pajjiż tal-oriġini, li tirrifletti x-xewqa tal-konsumatur li jkun jaf iktar dwar l-oriġini tal-prodott li qiegħed jixtri; jemmen li din is-sistema għandha tapplika wkoll għall-prodotti pproċessati tal-ikel u għandha tindika l-oriġini tal-ingredjenti ewlenin u tal-materja prima, u tispeċifika il-post ta' oriġini tagħhom u dak tal-aħħar ipproċessar tal-prodott;
15. Iqis li l-mudell Awstraljan huwa eżempju tajjeb ta' sistema tal-ittikkettar tal-pajjiż tal-oriġini, filwaqt li tqis, f'dan ir-rigward, il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-setturi produttivi differenti tal-UE, bil-mod kif tindika l-livelli differenti bħal "prodott fi" (għall-prodotti tal-ikel maħduma lokalment b'ingredjenti lokali), "magħmul fi" (għall-prodotti tal-ikel li għaddew minn proċess sostanzjali lokalment), jew "maħdum f'pajjiż X bl-użu ta' ingredjenti lokali jew importati"; ifakkar li sħab kummerċjali importanti oħra bħall-Istati Uniti jew in-New Zealand jużaw ukoll sistemi ta' ttikkettar tal-istess tip;
16. Iqis li sakemm ikunu rispettati l-istandards tas-sigurtà tal-ikel, l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhomx ixekklu l-aċċess tal-prodotti għas-suq fuq il-bażi tal-estetika, il-forma jew id-daqs tagħhom;
17. Huwa tal-fehma li t-tikketti ta' kwalità tal-UE inġenerali, bit-test "immanifatturat fl-Unjoni Ewropea" għandhom iwasslu biex il-prodotti Ewropej jispikkaw fis-suq minħabba l-istandards għoljin li jirregolaw il-produzzjoni tagħhom;
18. Iqis li jinħtieġ li jkunu promossi t-termini riservati fakultattivi bħala alternattiva għall-istandards obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni; madankollu huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' dawn id-definizzjonijiet uniformi li jissodisfaw lill-partijiet kollha interessati jista' jkollha diffikultajiet minħabba d-drawwiet u t-tradizzjonijiet differenti ta' dieta nutrizzjoni, kif ukoll iżżid l-ammont ta' tagħrif għall-konsumaturi u l-ħtieġa tal-

ħolqien ta' sistema ta' monitoraġġ li teżamina l-użu ta' dawn it-termini;

19. Huwa favur miżuri maħsuba biex jissimplifikaw ir-regolamenti tal-UE mingħajr ma jżarmawhom, u biex jillimitaw l-oqsma fejn tiġi pprattikata l-awtoregolamentazzjoni; iqis li l-istandards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni huma neċessarji u jistgħu jkunu stabbiliti b'mod iktar effikaċi; iqis, f'dan ir-rigward, li għandha tkun promossa r-regolamentazzjoni konġunta bħala l-mezz normali għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni tal-UE f'dan il-qasam; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali u r-rappreżentanti tas-settur tal-ikel u tal-bdiewa jkunu involuti f'dan il-proċess;

Is-sistemi ta' kwalità speċifiċi għall-Unjoni Ewropea

20. Jenfasizza li s-sistemi ta' kwalità tal-ikel għandhom jipprovdu tagħrif u joffru garanzija għall-konsumaturi dwar il-ġenwinità tal-ingredjenti lokali u t-tekniki tal-produzzjoni; jikkunsidra għalhekk li dawn l-iskemi jeħtieġ ikunu implimentati u mħaddma b'kontrolli msaħħa u sistemi ta' rintraċċabilità;
21. Jemmen li hemm bżonn ta' sistemi ta' ttikkettar iktar trasparenti u rikonoxxuti aktar mill-konsumaturi, u li għall-finijiet tal-ittikkettar trasparenti tal-oriġini, kemm għall-prodotti tal-UE kif ukoll għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għandha tkun identifikata l-oriġini tal-ingredjenti agrikoli essenzjali li huma speċifiċi għall-prodott;
22. Huwa tal-fehma li għandu jkun żgurat l-użu esklussiv ta' prodotti oriġinali mmarkati "DOP" bħala materja prima biss f'dawk il-każijiet fejn id-denominazzjoni protetta tkun indikata fuq it-tikketta u fir-reklamar tal-prodott ipproċessat; jenfasizza li b'dan il-mod, fuq in-naħa l-waħda, ikun evitat li l-konsumaturi jiġu mqarrqa u fuq in-naħa l-oħra tiġi promossa d-domanda għal prodotti b'denominazzjoni ta' oriġini protetta;
23. Iqis li jkun xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-użu tat-termini "tal-muntanji" u "tal-ġzejjer" peress li dawn jagħtu vantaġġ addizzjonali sostanzjali lill-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel mir-reġjuni żvantaġġjati kkonċernati; huwa tal-opinjoni li meta jintużaw it-termini "tal-muntanji" u "tal-ġzejjer", għandu jkun obligatorju li jkun indikat il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott;
24. Jirrimarka li, minħabba l-fatt li għall-konsumatur medju, id-differenza bejn id-DOP u l-IĠP mhix ċara, għandhom jittieħdu miżuri f'dan il-qasam bil-għan li jitjieb l-għarfien tal-konsumaturi;
25. Huwa kontra l-iffissar ta' kriterji ta' valutazzjoni iktar stretti bħalma huma l-kriterji rigward l-opportunitajiet ta' esportazzjoni u s-sostenibilità; jirrimarka dwar il-fatt li jeżistu eżempji ta' prodotti li effettivament ma jiġux esportati iżda li madankollu huma importanti ħafna għall-iżvilupp tal-ekonomiji lokali u għall-preservazzjoni tal-koeżjoni soċjali;
26. Jafferma li l-indikazzjonijiet ġeografiċi jikkostitwixxu wirt Ewropew importanti li għandu jkun ippreservat kemm għad-dinamiżmu ekonomiku kruċjali tiegħu, kif ukoll għall-impatt soċjoekonomiku determinanti tiegħu għal diversi reġjuni Ewropej; iqis li t-tikketti jippreżentaw garanzija ta' kwalità li għandha tkun ikkonsolidata partikolarment billi jissahhha il-kontroll tal-amministrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mill-gruppi

applikanti li jirrappreżentawhom; iqis li dawn l-indikazzjonijiet jgħinu lill-konsumaturi jiddistingwu bejn il-prodotti;

27. Iqis li jeħtieġ li jkunu spjegati aħjar id-differenzi bejn il-marki kummerċjali u l-indikazzjonijiet ġeografiċi u li jittieħdu miżuri li jippermettu l-implimentazzjoni konkreta ta' regoli komunitarji eżistenti li ma jippermettux li tiġi rreġistrata marka li jkun fiha jew li tagħmel referenza għad-DPO/ IĠP minn operaturi li ma jirrappreżentawx l-organizzazzjonijiet ta' produttori ta' dawk id-DPOs/IĠPs; jikkunsidra ta' importanza kruċjali li jitniedu kampanji promozzjonali, li jkollhom baġit speċifiku, sabiex jingħata tagħrif lill-konsumaturi dwar il-vantaġġi ta' dawn is-sistemi pubbliċi ta' ċertifikazzjoni;
28. Iqis li l-gruppi applikanti tal-IĠP għandhom ikollhom il-potenzjal li jiddisponu minn għodda biex jamministraw il-volum ta' produzzjoni tagħhom biex iżommu l-kwalità u r-reputazzjoni tal-IĠP tagħhom;
29. Iqis li fil-każ tal-użu ta' prodott b'IĠP, fi prodott finali kompost, fejn il-karatteristiċi tal-prodott b'IĠP ġew immodifikati, l-entità ta' protezzjoni jew l-awtorità kompetenti għandu jkollha l-possibiltà li twettaq kontrolli speċifiċi bil-għan li tivverifika li l-karatteristiċi tal-prodott b'IĠP ma ġewx immodifikati ż-żejjed;
30. Jappella biex ikun hemm protezzjoni aħjar tal-marki rreġistrati, partikolarment f'ċerti fażijiet tal-ippakkettar u l-promozzjoni ta' dawn il-prodotti barra miż-żona ta' produzzjoni, fejn jeżisti r-riskju li jsir abbuż minn dawn il-marki; Jappella sabiex tkun applikata r-regolamentazzjoni Komunitarja li ma tippermettix ir-reġistrazzjoni ta' marki li għandhom denominazzjoni simili għal denominazzjoni DOP jew IĠP diġà rreġistrata;
31. Japprova l-iżvilupp ta' regoli komuni għall-produttori tal-prodotti b'informazzjoni ġeografika, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet rigward ir-restrizzjonijiet marbuta ma' informazzjoni ġeografika, kif ukoll rigward l-użu tad-denominazzjoni tal-prodotti pproċessati;
32. Jesprimi ruħu favur simplifikazzjoni tal-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u favur it-tnaqqis taż-żmien neċessarju biex dawn jinkisbu;
33. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-livell ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jvarja minn Stat Membru għall-ieħor; huwa favur l-armonizzazzjoni leġiżlattiva u proċedurali f'dan il-qasam, l-aktar fir-rigward tar-regoli dwar l-applikazzjoni tal-protezzjoni *ex officio*;
34. Jawgura li l-protezzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tkun imsaħħa; jitlob lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha, partikolarment fuq livell politiku, biex jinkiseb titjib fil-protezzjoni tal-IĠP fil-qasam tan-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kemm fuq livell tal-estensjoni tal-protezzjoni tal-Artikolu 23 tal-Ftehim fuq Aspetti marbuta mal-Kummerċ dwar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (TRIPS) għall-prodotti kollha, kif ukoll rigward l-istabbiliment ta' reġistru multilaterali tal-IĠP), iżda wkoll fil-qafas tan-negozjati tal-adeżjoni fil-WTO tal-Istati l-ġodda u ta' ftehimiet bilaterali li qegħdin jiġu nnegozjati;
35. Huwa tal-opinjoni li l-prodotti esportati, kif ukoll dawk li ma jiġux esportati, għandhom ikunu suġġetti għal din il-protezzjoni internazzjonali min-naħa tal-UE, u fejn meħtieġ, din

il-protezzjoni tista' tkun differenti skont ir-riskju ta' użu mhux awtorizzat reali tal-prodotti fl-UE, biex prodotti b'riskju oġġla ta' użu mhux awtorizzat, li jiġu esportati, ikunu suġġetti għall-protezzjoni fil-qafas tad-WTO, filwaqt li għall-prodotti b'inqas riskju ta' użu mhuz awtorizzat u tas-suq lokali, tista' tiġi proposta proċedura kemmxejn sempliċi taħt forma ta' rikonoxximent, kif innotifikat mill-Kummissjoni, min-naħa tal-Istati Membri (li jista' jitqabbel mal-protezzjoni temporanja attwali) u protezzjoni legali Ewropea;

36. Jirrimarka li ċerti marki qegħdin jintużaw illegalment u b'mod sistematiku, minn pajjiżi terzi u dan qiegħed iwassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa u r-reputazzjoni tal-prodotti oriġinali titpoġġa f'periklu; jirrimarka li l-protezzjoni ta' marka f'pajjiż terz hija proċedura li tieħu wisq fit-tul, u huwa diffiċli li tiġi implimentata minn organizzazzjoni tal-produttori waħda peress li kull pajjiż għandu sistema u proċeduri ta' protezzjoni partikolari; jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi pariri u għarfien lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jew anki appoġġ legali billi tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi;
37. Iqis neċessarju li l-użu tal-indikazzjonijiet tal-orijini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jkunu suġġetti għal kontroll komunitarju u nazzjonali u jkunu stipulati sanzjonijiet ħorox li jiskoraġġixxu l-użu mhux awtorizzat ta' dawn l-istrumenti, b'tali mod li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jaġixxu fl-awtorità tagħhom f'każijiet ta' użu mhux awtorizzat jew imitazzjoni ta' informazzjoni ġeografika; jissuġġerixxi li, f'dan ir-rigward, tiddaħħal klawsola speċifika fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru. 510/06 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tal-indikazzjonijiet tal-orijini għal prodotti tal-biedja u tal-ikel¹; huwa favur is-simplifikazzjoni tal-kisba tad-DOP u l-istipular ta' kontrolli stretti mill-awtoritajiet ta' kull Stat Membru li għandhom jiggarrantixxu t-twettiq tal-istadji kollha tal-proċess ta' produzzjoni fir-reġjun ġeografiku kkonċernat;
38. Huwa tal-fehma li l-kontrolli tas-suq bil-għan li jiġu rrispettati r-regolamenti għall-prodotti kollha b'DOP u IĠP, għalkemm ifissru spiża amministrattiva għall-Istati Membri, jikkontribwixxu, b'mod sostanzjali, għall-protezzjoni effettiva ta' dawn il-prodotti; jaqbel mal-għoti ta' assistenza teknika Komunitarja għat-twettiq ta' kontrolli mill-Istati Membri sabiex ikun żgurat li jkun hemm implimentazzjoni uniformi kemm jista' jkun, tal-protezzjoni tal-prodotti b'DOP u IĠP fl-UE;
39. Huwa tal-opinjoni li hemm bżonn li jkunu intensifikati l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' popularizzazzjoni relatati ma' dawn is-sistemi, għal għajnuna finanzjarja Ewropea kemm għas-suq wieħed Ewropew u kemm għal pajjiżi terzi; iqis ukoll li hemm lok għat-tkabbir tal-parti kofinanzjata tal-Unjoni favur programmi komunitarji li jagħtu informazzjoni dwar il-prodotti Ewropej ta' kwalità u jippromwovuhom; jixtieq li l-Kummissjoni tfitteq li tippromwovi l-kunċett tal-IĠP fil-pajjiżi terzi, partikolarment billi żżid il-missjonijiet ta' assistenza teknika f'koperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-IĠP;
40. Jaqbel mal-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għall-kwalità tal-prodotti li tikkollabora mill-qrib mal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel u mas-servizzi tal-Kummissjoni inkarigati mill-protezzjoni tal-kwalità tal-prodotti tal-ikel; din l-Aġenzija tkun kompetenti wkoll għall-għadd dejjem jikber ta' talbiet minn pajjiżi terzi għal DOPs, IĠP u prodotti ta' speċjalità tradizzjonali garantita;

¹ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12

41. Jenfasizza l-importanza tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għal-libertà tal-għażla tal-konsumaturi¹; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal regolament għall-ittikkettar obligatorju anki għall-prodotti tal-annimali bħall-ħalib, laħam u bajd, li huma prodotti ta' annimali li ngħataw għalf ġenetikament immodifikat;
42. Huwa favur iż-żamma u s-simplifikazzjoni tas-sistema ta' Speċjalità Tradizzjonali Garantita; juri d-diżappunt tiegħu għar-riżultati ta' dan l-istrument, li s'issa wassal biss għar-reġistrazzjoni ta' numru żgħir ħafna ta' GTS (20 rreġistrati u 30 talba fil-proċess ta' reġistrazzjoni); jinnota li fl-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru. 509/2006 tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel li huma speċjalitajiet tradizzjonali garantiti², it-tieni lista msemmija fir-reġistru ta' GTS (speċjalità tradizzjonali garantita) – li permezz tagħha, l-użu tal-ismijiet tal-prodotti jew prodotti tal-ikel ma jitħalliex f'idejn il-produtturi – għandha titneħħa peress li din iddgħajjed il-protezzjoni tal-GTS; itenni li s-sistema GTS għadha strument adegwat għall-protezzjoni tar-riċetti, u li toffri spazju sostanzjali għal żvilupp meti ċerti kundizzjonijiet ikunu ssodisfati;
43. Iqis li d-definizzjoni tal-kunċett prodott “tradizzjonali”, kif tinsab fir-Regolament 509/2006, mhix adegwata; huwa tal-opinjoni li r-relazzjoni bejn il-prodotti tradizzjonali u l-pajjiż, li fih għadha tinżamm it-tradizzjoni rilevanti, jew fejn il-produttur, li jirrispetta r-regoli tradizzjonali, għandu l-użu esklussiv ta' dawn id-denominazzjonijiet, għandha ssaħħaħ l-istejtus tal-IĠP;
44. Iqis li l-produzzjoni bijoloġika tippreżenta wieħed mill-aktar potenzjali qawwija ta' tkabbir tal-agrikoltura Ewropea u li għandha tissaħħaħ il-fiduċja fil-logo Komunitarju permezz tal-programmi ta' promozzjoni tagħhom; jgħid li, għalkemm ir-regolament Ewropew adottat f'dan il-qasam jinkludi standards uniċi, l-Istati Membri japplikaw proċedura ta' ċertifikazzjoni differenti, fejn uħud jagħżlu li jittrasferixxu l-operazzjonijiet ta' kontroll, li jiswew il-flus, lill-awtoritajiet tal-kontroll, u oħrajn lil korpi tal-kontroll awtorizzati mill-Istat; Jinnota li l-proċedura ta' ċertifikazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor u tiswa ħafna flus; Jappella għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-limiti massimi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti pprojbti fi prodotti minn produzzjoni bijoloġika; jappoġġja, fil-prinċipju, il-proposta għal tikketta li tindika prodott organiku tal-UE;
45. iqis li huwa meħtieġ li jkunu armonizzati t-tipoloġija tal-organiżmi u tal-proċeduri għall-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti bijoloġiċi sabiex titrawwem sigurtà u fiduċja fil-konsumaturi permezz ta' lowgow ġdid tal-UE għall-prodotti tal-agrikoltura bijoloġika, li tissodisfa kriterji uniformi dwar il-produzzjoni, il-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni fl-UE kollha, u li jikkontribwixxi biex jissolvew problemi u biex ikun promoss aktar is-suq intern fi prodotti bijoloġiċi;
46. Huwa tal-opinjoni li l-ittikkettar ta' prodotti miksuba minn agrikoltura konvenzjonali b'tali mod li jagħti l-impressjoni li l-prodotti inkisbu minn agrikoltura bijoloġika, jista' jxekkel l-iżvilupp tas-suq intern għal prodotti alimentari bijoloġiċi fl-UE; għalhekk, jesprimi t-tħassib tiegħu fid-dawl tal-isforzi biex jiġi estiż l-użu tal-marka Bijoloġika anki fuq il-

¹ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

² ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.

prodotti tal-ikel li mhumiex prodotti b' mod konformi mal-prinċipji tal-agrikoltura bijoloġika;

47. Huwa favur l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-orġini fuq prodotti bijoloġiċi mhux ipproċessati u prodotti bijoloġiċi pproċessati ġejjin minn pajjiżi terzi, anke meta jkun applikat il-lowgow tal-Komunità għall-prodotti bijoloġiċi;
48. Huwa tal-opinjoni li sabiex ikun żgurat funzjonament aħjar tas-suq intern għall-prodotti bijoloġiċi, jeħtieġ li
- fuq il-prodotti bijoloġiċi, kemm dawk mhux ipproċessati kif ukoll dawk ipproċessati, li qegħdin jintroduċu pajjiżi terzi, għandu jkun indikat il-pajjiż tal-orġini indipendentement mill-użu tal-lowgow tal-Komunità għall-prodotti bijoloġiċi,
 - għandha tissaħħaħ il-kredibiltà tal-lowgow tal-Komunità permezz ta' programmi ta' promozzjoni ta' prodotti bijoloġiċi,
 - jiġu ffixxati l-limiti massimi għall-użu ta' pestiċidi pprojbiti fi prodotti miksuba minn agrikoltura bijoloġika,
 - tiġi eżaminata l-problema taċ-ċertifikazzjoni doppja, li f'hafta każijiet tintalab mill-bejjieġha bl-imnut, peress li xxekkel il-provvista suffiċjenti ta' prodotti bijoloġiċi fis-suq tal-UE,
 - issir differenza ċara bejn l-ittikkettar tal-prodotti mhux agrikoli li jirreferu għall-metodi ta' produzzjoni bijoloġika u l-prodotti li ġejjin mill-agrikoltura bijoloġika;
49. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif fuq livell tal-Istati Membri ta' uffiċċji ta' prodotti tradizzjonali u ekoloġiċi; iqis neċessarju li kull Stat Membru juża istituzzjonijiet pubbliċi jew privati rikonoxxuti unanimement mill-produtturi u l-konsumaturi li jkunu inkarigati biex jiċċekkjaw il-produzzjoni nazzjonali ta' prodotti ekoloġiċi u ta' kwalità u biex jassiguraw il-promozzjoni tagħhom;
50. Jagħraf li l-konsumaturi għandhom talbiet dejjem akbar fuq il-kwalità tal-ikel u tal-prodotti tal-ikel, mhux biss f'termini ta' sikurezza, imma wkoll f'termini ta' preokkupazzjonijiet etiċi, bħalma huma s-sostenibilità ambjentali, il-ħarsien tal-benessri tal-annimali u t-teknoloġiji tal-organiżmi ġenetikament immodifikati (GMO); jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti kriterji għall-inizjattivi ta' kwalità bħalma huma l-iskemi volontarji ta' tikkettar ta' prodotti li ma fihomx GMO li għandhom jagħtu lill-konsumaturi għażla ċara.
51. Iqis li huwa meħtieġ li jkunu inkoraġġiti sistemi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent; jiddispajċih għan-nuqqas ta' regolament Komunitarju dwar il-produzzjoni integrata li jippermetti li jingħataw provi tal-isforzi li wettqu l-produtturi Ewropej, permezz ta' kampanji xierqa ta' promozzjoni bil-għan li jiġbdu l-attenzjoni fuq il-valur miżjud ta' dawn il-produzzjonijiet;

Is-sistemi ta' ċertifikazzjoni

52. Huwa tal-opinjoni li l-metodi tal-UE għall-armonizzazzjoni ta' standards mhumiex meħtieġa; iqis li m'hemmx hteġa li jitwaqqfu aktar sistemi ta' ċertifikazzjoni għall-ittikettar tal-prodotti alimentari fuq livell Komunitarju peress li dan inaqqas il-valur tas-sistemi eżistenti u jista' jiżgwi lill-konsumatur;
53. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' tikketti ta' kwalità, inkluż dak li hu assoċjat magħhom, m'għandux iwassal għal restrizzjonijiet amministrativi iktar stretti għall-produtturi; għalhekk jixtieq, li fid-dawl ta' dawn il-marki, il-produtturi jiddisponu minn dritt tal-inizjattiva, u jkunu limitati l-interventi għall-protezzjoni ta' dawn il-marki mill-awtoritajiet Komunitarji sabiex ikun żgurat li l-produtturi jingħataw kumpens xieraq għall-ispejjeż tagħhom u l-konsumaturi jkunu protetti minn iffalsifikar jew kull xorta oħra ta' frodi;
54. Jenfasizza li s-sistemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti, minbarra r-rispett tar-regoli legali, jiggarrantixxu wkoll elementi oħra importanti għas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel, bħal pereżempju t-traċċabilità, permezz ta' monitoraġġ strett; jenfasizza li r-regolamenti ta' ċertifikazzjoni jirriflettu d-domanda tas-soċjetà u għalhekk jeħtieġ tingħata għajjnuna statali għall-ispejjeż li jkollhom il-bdiewa; iħeġġeġ il-promozzjoni ta' koperazzjoni iktar attiva fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi peress li bidwi waħdu ma jistax jieħu azzjoni biex ikopri r-regolamenti eċċessivi ta' ċertifikazzjoni tal-kummerċ;
55. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li is-sistemi ta' ċertifikazzjoni privati, attwalment, ma jissodisfawx l-iskop li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar il-kwalitajiet tal-prodotti kkonċernati, iżda jservu biss bħala mezz ta' aċċess għas-suq li jżid l-ispiża burokratika tal-produtturi, u bħala ħanut tajjeb għall-intrapriżi żgħar li jinneogzjaw f'tip wieħed ta' prodott alimentari; iqis li jeħtieġ li l-proliferazzjoni ta' sistemi ma tiġix imħeġġa, għax dawn is-sistemi jirrestrinġu l-aċċess għas-suq ta' sezzjoni mis-settur tal-produzzjoni;
56. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-proliferazzjoni attwali ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni privati xxekkel l-aċċess ta' parti mis-settur għas-suq, u li dawn is-sistemi mhumiex qegħdin jikkontribwixxu biex jiprovdu lill-konsumaturi bi prodott ta' kwalità mtejbja; jitlob lill-Kummissjoni biex taħdem favur rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni privati sabiex ikunu kkontrollati l-proliferazzjoni tagħhom u l-esklużjoni tal-prodotti ta' kwalità mis-suq; iqis li jeħtieġ ikunu żviluppata linji gwida Komunitarji li jkopru l-aspetti li dawn is-sistemi ma jistgħux jirregolaw, bħal pereżempju, kunċetti u informazzjoni li "jivvalorizzaw", li għandhom ikunu stabbiliti bl-għajjnuna ta' livelli u dejta oġġettivi;
57. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-prodotti reġjonali huma ta' importanza kbira għall-ekonomija tal-post u għall-komunitajiet lokali, u għaldaqstant għandhom jiġu rrifjutati suġġerimenti li għandhom l-għan li jillimitaw l-għadd ta' indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati;
58. Huwa tal-opinjoni li m'għandhom ikunu fformulati l-ebda forom ġodda tal-promozzjoni tal-prodotti tradizzjonali li jistgħu jwasslu biex idgħajfu s-sistema GTS;
59. Jappella għal tisħiħ tal-kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-implimentazzjoni fuq l-aktar skala wiesgħa possibbli ta'

sistemi alternattivi bħall-HACCP (sistema tal-analiżi tar-riskju u tal-punti kritiċi ta' kontroll);

60. Jirrimarka li f'dak li jirrigwarda d-dimensjoni internazzjonali, l-Unjoni Ewropea ltaqgħet ma' problemi ta' kompetittività mal-imsieħba kummerċjali prinċipali tagħha; jinsab imħasseb dwar il-pessjoni li qed jagħmlu l-pajjiżi emerġenti, li ma għandhomx l-istess livell ta' sigurtà u ta' kwalità daqs il-prodotti Ewropej u għalhekk il-kontroll ħafna drabi hu suġġett għal attenzjoni; Itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jkun implimentat il-kunċett ta' "aċċess kundizzjonali għas-swieq", li l-Parlament ħeġġeġ f'diversi rizzoluzzjonijiet tiegħu;
61. Jitlob li jkunu konklużi aktar ftehimiet bilaterali mas-swieq prinċipali u ftehimiet dwar il-ġlieda kontra l-iffalsifikar; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti kontribut għas-soluzzjoni tal-problema tal-protezzjoni internazzjonali tat-trejdmarks, inkluża l-protezzjoni tal-IĠP, l-AOP u l-STG;

Aspetti oħra

62. Iqis neċessarju li tkun żgurata publiċità ħafna akbar tal-vantaġġi tal-politiki Ewropej dwar il-garanzija tal-kwalità u tas-sigurtà tal-ikel; jiddispjaċih li ċ-ċittadini Ewropej m'għandhomx aċċess faċli għal informazzjoni komprensiva dwar il-kontribut tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu iktar l-isforzi tagħhom biex ixerrdu l-informazzjoni u l-promozzjoni dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti alimentari li japplikaw għall-prodotti Komunitarji;
63. Jenfasizza l-irwol li jista' jkollu l-finanzjament Ewropew f'dan il-qasam; iqis li l-parteċipazzjoni Komunitarja ta' 75 % għall-programmi għat-titjib tal-kwalità fil-pajjiżi ta' konverġenza mhux biżżejjed; minkejja dan, jiġbed l-attenzjoni dwar l-intensifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' kreditu għall-produtturi ż-żgħar, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja dinjija, fatt li se jillimita ħafna l-aċċess tal-dawn il-produtturi għall-kofinanzjamenti;
64. Iqis li l-esperjenza tas-swieq tal-bdiewa ('Farmer Market'), ħwienet tal-bejgħ minn fejn isir bejgħ ta' prodotti reġjonali u tal-istaġun immexija direttament mill-azjendi agrikoli, għandha tkun inkoraġġita peress li tiżgura prezz ġust għall-prodotti ta' kwalità għolja, issaħħaħ ir-relazzjoni tal-prodott mar-reġjun u tissensibilizza lill-konsumatur biex jagħmel għażla infurmata fir-rigward tal-aspetti tal-kwalità; huwa tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-ħolqien ta' postijiet tal-bejgħ fejn il-produtturi jkunu jistgħu joffru l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi b'mod dirett;
65. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' programmi ta' promozzjoni għas-swieq lokali sabiex ikunu promossi inizjattivi tal-ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni lokali u reġjonali; huwa tal-opinjoni li dan jista' jsir pereżempju, permezz tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li jistgħu jżidu l-valur taż-żoni rurali u li, billi jevitaw toroq twal għat-trasportazzjoni, ikunu qegħdin jagħtu eżempju tajjeb li jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima;
66. Jitlob lill-President tiegħu biex iressaq din ir-rizzoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

F'dinja li qed issir dejjem iktar globalizzata, il-bdiewa tal-Istati Membri tal-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni li qed tikber mill-prodotti mill-pajjiżi terzi. L-argument prinċipali tal-produtturi Ewropej bħala reazzjoni għal dawn l-isfidi l-ġodda tinsab fil-kwalità.

Il-kwalità għandha tissodisfa l-aspettattivi tal-konsumaturi mingħajr ma toħloq spejjeż żejda għall-produtturi. Lil hinn mill-kriterji bażiċi tal-iġene u s-sigurtà tal-ikel, il-konsumaturi huma iktar u iktar konxji tal-irwol li għandha l-agrikoltura quddiem il-problemi tal-iżvilupp sostenibbli, il-bidla fil-klima, il-bijodiversità, il-benesseri tal-annimali u d-deżertifikazzjoni. Jekk wieħed jeskludi l-istandards fl-oqsma tal-iġene u tas-sigurtà, il-prodotti tal-ikel impurtati mhux dejjem josservaw l-istandards tal-produzzjoni u lanqas dawk relatati mal-ħarsien tal-ambjent u l-benesseri tal-annimali. Ma dan jiżdied ukoll il-fatt li l-konsumaturi qed juru interess kbir mhux biss għas-sigurtà tal-ikel, iżda wkoll għall-orġini u l-metodi ta' produzzjoni ta' prodotti tal-ikel;

L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li l-prodotti kollha tal-ikel josservaw l-istandards ta' produzzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-iġene u tas-sigurtà. L-Unjoni għandha tiggarrantixxi wkoll livell ugwali ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti ta' orġini Ewropea u dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, il-Parlament diversi drabi rrakkomanda l-kunċett tal-"aċċess kundizzjonali għas-suq" (jiġifieri li l-prodotti konformi mal-kriterji preċiżi kollha biss se jitpoġġew fis-suq): dan il-kunċett se jippermetti li wieħed jirrifletti, fil-politika doganali tal-Unjoni, id-differenzi fil-kwalità bejn il-prodotti Ewropej u dawk li ġejjin minn pajjiżi terzi, mingħajr ma jkunu affettwati l-obbligi li għandha l-Unjoni fil-kuntest tan-negożjati mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-fondi miġbura f'dan ir-rigward se jkunu trasferiti fit-taqsimiet tal-baġits nazzjonali tal-pajjiżi terzi ddedikati għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari. Għalhekk il-Parlament jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju dwar l-inkidenza ta' dawn il-miżuri u fuq din il-bażi biex tipproponi qafas leġiżlattiv.

Ir-rapporteur tilqa' għalhekk id-dibattitu mniedi mill-Kummissjoni permezz tad-dokument "Green Paper dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli: standards ta' kummerċjalizzazzjoni, esiġenzi tal-produzzjoni u sistemi ta' kwalità". Hija tappoġġja r-rieda li tkun promossa l-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej mingħajr ma jkunu imposti la spejjeż u lanqas responsabilitajiet supplimentari għall-produtturi. Wara d-diskussjonijiet fil-Kumitat għall-Agricoltura tal-Parlament Ewropew u l-Konferenza Organizzata mir-rapporteur mar-rappreżentanti tar-reġjuni, tal-produtturi agroalimentari, u l-istituzzjonijiet nazzjonali u komunitarji, ġew adottati serje ta' miżuri maħsuba biex itejbu l-politika tal-kwalità tal-ikel fl-Ewropa. Ir-rapporteur tixtieq terġa' ssib dawn il-miżuri fil-proposti leġiżlattivi li se tagħmel il-Kummissjoni f'dan il-qasam, wara konsultazzjoni wiesgħa mnidija fuq il-bażi tal-Green Paper tagħha.

L-ewwelnett ir-rapporteur indirizzat il-problema tal-esiġenzi tal-produzzjoni u l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni. Għal numru kbir ta' prodotti agrikoli u għal ċertu prodotti alimentari lesti, l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea għandhom jiddefinixxu l-prodotti, jistipulaw kriterji minimi, jiddeterminaw il-kategoriji ta' prodotti u jimponu l-obbligi tal-ittikkettar sabiex ikunu infurmati l-konsumaturi. Huma suppost għandhom jgħinu lill-

bdiewa jipproduċu prodotti ta' kwalità li jissodisfaw l-aspettattivi tal-konsumaturi u li jiffaċilitaw it-tqabbil tal-prezzijiet bejn prodotti ta' kwalità differenti.

Ir-rapporteur tixtieq tnaqqas il-grad ta' kumplessità tas-sistema Ewropea ta' standards bażiċi u n-numru ta' preskrizzjonijiet li għandhom jikkonformaw magħhom il-bdiewa Ewropej. Hija taqbel mas-simplifikazzjoni u l-adozzjoni tar-regoli li jiggarrantixxu biżżejjed is-sikurezza tal-ikel fl-Ewropa. Barra minn hekk, hi qed tipproponi mezzi biex ikun ssimplifikat il-proċess tal-iffissar tal-istandards: permezz tat-tqassir tal-proċeduri tal-Kummissjoni, it-trasferiment tar-responsabilitajiet tagħha f'dan il-qasam għal organiżmi oħra jew anke l-użu mill-ġdid tal-istandards internazzjonali. Din is-simplifikazzjoni għandha tikkunsidra r-responsabilità amministrattiva li waqgħet fuq l-awtoritajiet pubbliċi u fuq l-atturi l-oħra kkonċernati. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-bżonnijiet tas-suq u tat-teknoloġija jista' jrendi l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni parzjalment skaduti u għalhekk jinholq il-bżonn għall-adattament u l-aġġornar tagħhom.

It-tieninett, ir-rapporteur hija favur l-introduzzjoni obbligatorja tal-indikazzjoni l-post tal-produzzjoni tal-prodotti primarji, taħt il-forma tal-indikazzjonijiet "prodott magħmul fl-Unjoni Ewropea" jew "prodott magħmul barra l-Unjoni Ewropea"; Ir-rapporteur tal-Kumitat assoċjat jixtieq iwessa' din is-sistema għal prodotti alimentari trasformati, b'mod li jkun ikkunsidrat l-orijini tal-ingredjenti prinċipali u tal-materja prima u biex tkun stabbilita rabta bejn il-post tal-orijini tagħhom u l-post tal-aħħar trasformazzjoni tal-prodotti. L-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel provduta lill-konsumaturi Ewropej mhix biżżejjed, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-orijini tal-prodotti u l-materja prima, kif ukoll il-post tal-produzzjoni tal-prodotti aħħarija. Din hija r-raġuni għalfejn il-miżura tal-indikazzjoni tal-post tal-orijini għandha timxi id f'id ma' kampanja ta' informazzjoni għaċ-ċittadini bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni tista' per eżempju tispira ruħha mill-mudell Awstraljan tas-sistema tal-ittikkettar tal-pajjiż tal-orijini: it-tikketta indika l-istadji differenti tal-manifattura tal-prodotti per eżempju "prodott għal" għall-prodotti tal-ikel bbażati fuq ingredjenti ta' orijini nazzjonali jew manifatturati fil-post jew "manifatturat fi" għall-prodotti tal-ikel li kienu proċessati ħafna fil-pajjiż ikkonċernat, jew saħansitra "manifatturat fi..... għal prodott ibbażat fuq ingredjenti lokali jew importati". Sħab kummerċjali importanti oħra tal-Unjoni Ewropea bħall-Istati Uniti jew New Zealand, jużaw ukoll sistemi ta' ttikkettar tal-istess tip.

Iqis li jinħtieġ li jkunu promossi t-termini riservati fakultattivi bħala alternattiva għall-istandards obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni. Hija tgħid li mhux neċessarju li l-Unjoni Ewropea telabora d-definizzjoni proprja tagħha ta' dawn l-indikazzjonijiet sakemm dawn huma kkodifikati fis-sistemi leġiżlattivi tal-Istati Membri u li l-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini jista' jkun applikat għar-rikonossiment reċiproku ta' dawn l-istandards mingħajr ma jkun ta' xkiel għas-suq komuni. Ir-rapporteur tqis ukoll li jkun xieraq li jitħeġġeġ il-proċess ta' koregolamentazzjoni bħala proċess komuni tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni Ewropea f'dan il-qasam.

B'konformità mar-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament, ir-rapporteur hija favur li titwettag analiżi dettaljata tal-possibilitajiet ta' ttikkettar ta' prodotti Ewropej ta' kwalità, ibbażata fuq mudelli diġà eżistenti. Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur qed titlob lill-Kummissjoni biex tevalwa u tipproponi l-użu ta' tikketta ta' kwalità Ewropea flimkien mat-

tikketti nazzjonali u reġjonali eżistenti. Din it-tikketta għandha prinċipalment tiggarrantixxi trattament ġust għall-parteċipanti ewlenin kollha tas-suq fil-proċess kollu tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, kif ukoll ir-rispett għall-ambjent. Ir-rapporteur tal-Kumitat assoċjat iqis li t-tikketta ta' kwalità Ewropea tista' tkun żviluppata fuq il-bażi ta' tikketti nazzjonali u t-tlestija tal-istrumenti diġà utilizzati fl-Istati Membri, b'mod li jkunu evitati nuqqas ta' kompatibilità bejn il-livell Ewropew u l-livell nazzjonali.

Rigward id-dimensjoni internazzjonali tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, ir-rapporteur tqis li din għandha titwettaq fil-kuntest tan-negozjati kummerċjali internazzjonali u titlob lill-Kummissjoni biex tinkludi dan il-punt fl-aġenda tad-diskussjonijiet fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, b'mod li din id-dimensjoni tkun rikonoxxuta mill-imsieħba internazzjonali kollha.

Ir-rapporteur tal-Kumitat assoċjat jipproponi li tingħata assistenza teknika komunitarja għall-implimentazzjoni ta' sistemi li huma l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (PGI), l-indikazzjonijiet tal-orijini protetti (PDO) u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti (GTS) fl-Istati Membri u l-evalwazzjoni tal-prodotti li jibbenefikaw minnhom. Is-sistemi Ewropej ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità għandhom ikunu rikonoxxuti aħjar mill-konsumaturi Ewropej. Sabiex dan jitwettaq, hemm bżonn li jkunu intensifikati l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' popularizzazzjoni relatati ma' dawn is-sistemi, għal għajjnuna finanzjarja Ewropea kemm għas-suq intern komuni Ewropew u kemm għal pajjiżi terzi; Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur taqbel mal-ħolqien ta' uffiċċju Ewropew għall-kwalità tal-prodotti li jikkollabora mill-qrib mal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel u mas-servizzi tal-Kummissjoni inkarigati mill-protezzjoni tal-kwalità tal-prodotti tal-ikel; Fil-kamp tal-agrikoltura bijoloġika, ir-rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni fl-Istati Membri t'uffiċċji tal-prodotti tradizzjonali u ekoloġiċi u tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' organiżmi ta' dan it-tip kemm pubbliċi u kemm privati.

B'mod ġenerali, ir-rapporteur hija tal-opinjoni li jeħtieġ li jkunu promossi s-sistemi ta' garanzija ta' kwalità, li diġà huma xi ftit jew wisq magħrufa mal-konsumaturi Ewropej fl-Istati Membri u li mhux mixtieq li s-sistemi kollha jkunu la uniformizzati u lanqas uniti f'sistema waħda. Sabiex l-istandards ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità komunitarji komuni jkunu garantiti, huma għandhom ikunu evalwati u rikonoxxuti fuq livell Ewropew; Fil-Kummissjoni għalhekk jeħtieġ li jkun hemm awtorità inkarigata u awtorizzata li tuża l-imsemmija sistemi fuq livell Ewropew u li tiggarrantixxi kontroll uniformi u effikaċi kemm f'dan il-livell u kemm fil-livell nazzjonali.

11.2.2009

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-iżgurar tal-kwalità tal-ikel - L-armonizzazzjoni jew ir-rikonoxximent reċiproku tal-istandards
(2008/2220(INI))

Rapporteur għal opinjoni: (*): Magor Imre Csibi

(*): Kumitat assoċjat - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. jenfasizza li s-sistemi ta' kwalità tal-ikel għandhom jipprovdu tagħrif u joffru garanzija għall-konsumaturi dwar il-ġenwinità tal-ingredjenti lokali u t-tekniki tal-produzzjoni; jikkunsidra għalhekk li dawn l-iskemi jeħtieġ ikunu implimentati u mħaddma b'kontrolli rinforzati u sistemi ta' rintraċċabilità;
2. jikkunsidra li huwa mixtieq li jsir it-tikkettar tal-ingredjent/i ewlieni/ewlenin tal-prodotti tal-ikel bil-post tal-oriġini jekk l-ingredjent ewlieni ma jkunx ġej minn żona ta' "Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti" (PGI) jew minn "Denominazzjoni Protetta ta' Oriġini" (PDO); jikkunsidra li l-ingredjent ewlieni għandu jkun interpretat bħala l-ingredjent li jikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-prodott tal-ikel; barra minhekk, jenfasizza li dawn l-iskemi ta' tikkettar għandhom jintużaw fuq bażi volontarja;
3. jitlob li jkun hemm semplifikazzjoni ulterjuri tal-istandards tal-marketing billi jiġu kkjarifikati l-kriterji prinċipali li għandhom jiġu applikati; jitlob għall-iżvilupp ta' linji gwida tal-UE dwar l-użu ta' termini ġenerali riżervati, bħalma huma "baxx fiz-zokkor", "baxx fil-karbonju", "tad-dieta" u "naturali", bl-iskop li jiġu evitati prattiki li jiżvija;
4. jenfasizza l-ħtieġa tal-promozzjoni ta' prodotti organiċi u tal-biedja bħala għajn ta' ikel ta' kwalità għolja u bħala katalist għall-ħarsien tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali; jitlob

li jkun hemm semplifikazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni sabiex jiġi żviluppat aktar is-suq tal-prodotti organiċi u li jiddaħħal, mingħajr aktar dewmien, logo UE tassattiv bħala mezz biex il-konsumaturi jsiru jafu dejjem aktar il-prodotti organiċi u jsiru jirrikonoxxuhom aktar;

5. jagħraf li l-konsumaturi għandhom talbiet dejjem akbar fuq il-kwalità tal-ikel u tal-prodotti tal-ikel, mhux biss f'termini ta' sikurezza, imma wkoll f'termini ta' preokkupazzjonijiet etiċi, bħalma huma s-sostenibilità ambjentali, il-ħarsien tal-benessri tal-annimali u t-teknoloġiji tal-organiżmi ġenetikament immodifikati (GMO); jitlob lill-Kummissjoni tagħti kriterji għall-inizjattivi ta' kwalità bħalma huma l-iskemi volontarji ta' tikkettar ta' prodotti li ma fihomx GMO li għandhom jagħtu lill-konsumaturi għażla ċara.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	10.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Maria Berger, Johannes Blokland, John Bowis, Martin Callanan, Magor Imre Csibi, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Anne Ferreira, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Marie Anne Isler Béguin, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Peter Liese, Linda McAvan, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Amalia Sartori, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Åsa Westlund
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Iles Braghetto, Jutta Haug, Hartmut Nassauer, Andres Tarand
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Emanuel Jardim Fernandes

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 8 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vincenzo Aita, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giovanna Corda, Albert Deß, Constantin Dumitriu, Michl Ebner, Carmen Fraga Estévez, Lutz Goepel, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggler, Heinz Kindermann, Vincenzo Lavarra, Stéphane Le Foll, Véronique Mathieu, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, María Isabel Salinas García, Sebastiano Sanzarello, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Alyn Smith, Donato Tommaso Veraldi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Katerina Batzeli, Ilda Figueiredo, Béla Glattfelder, Wiesław Stefan Kuc, Astrid Lulling, Catherine Neris, Maria Petre, Markus Pieper, Struan Stevenson, Vladimír Železný
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hélène Goudin, Ewa Tomaszewska, Peter Šťastný